# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA, LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 15 ta' Ottubru, 2001**

**Numru**

**Avviz numru: 476/01mm**

**U.C.I.M. Co. Ltd**

**vs**

**Karen Spiteri**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' sitt mija u sebgha u erbghin lira Maltin (Lm647.00) rapprezentanti import ta' hames (5) kambjali, wahda ta' Lm59 (bilanc) u l-ohrajn ta' Lm147 il-wahda, debitament accettati u skaduti minn Jannar,

2001, sa' Mejju, 2001, rispettivament u mhux imhallsa, annessi bhala dokumenti numri minn 1 sa' 5 konsekuttivament u inkluzivament.

Bl-imghax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala li sal-15 ta' Mejju, 2001, jammontaw ghal Lm8, oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-21 ta' Marzu, 2001, kontra l-konvenuta li giet ngunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tas-socjeta' attrici li permezz taghha cediet is-sorte stante pagament fil-mori tal-kawza, pero' zammet ferm il-kap ta' l-ispejjez.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment il-konvenuta naqset u ma dehritx, la fl-10 ta' Ottubru, 2001, meta gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici limitatament ghall-ispejjez kontra l-konvenuta.